

V

(Avviżi)

**PROĊEDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA
TAL-KOMPETIZZJONI**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.7400 — Federal-Mogul Corporation/TRW Engine Components)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2014/C 407/09)

1. Fl-10 ta' Novembru 2014, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹) li permezz tagħha Federal-Mogul Corporation ("FDML", l-Istati Uniti tal-Amerika) tikkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku tan-negożju fil-komponenti tal-valvijiet tal-magni ta' TRW Automotive Inc. ("TEC", l-Istati Uniti tal-Amerika), permezz tax-xiri tal-ishma u tal-assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal FDML: hija kumpanija internazzjonali li tiżviluppa, timmanifatura u tbigħ il-komponenti tal-magni, tat-trasmissjoni u tad-driveline kif ukoll materjal ta' frizzjoni tal-brejk, ix-xażi, prodotti tal-issiġillar u tal-wiper għall-karozzi, il-ferroviji u applikazzjonijiet oħra. FDML tqassam, tikkummerċjalizza u tbigħ ukoll fluwidi tal-brejkijiet u hardwer (pereż disk), ix-xażi, komponenti tal-issiġillar u tal-magni kif ukoll tagħmir anċillari,
- għal TEC: hija attiva mad-dinja kollha fin-negożju tal-komponenti tal-magni li jirrigwardaw id-disinn, l-iżvilupp, is-simulazzjoni, l-it-testjar, il-manifatura u l-bejgħ ta' valvijiet tal-magni, komponenti tal-valvi tal-ferroviji, rotaturi tal-valvijiet, ritenituri, tappets u muntaġġi ta' rocker arm, f'kull każ għall-industrija tal-karozzi jew applikazzjonijiet ta' magni heavy duty.

3. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni Ewropea tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni Ewropea tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex jissottomettu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni Ewropea.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni Ewropea mhux aktar tard minn għaxart ijiem mid-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301) jew permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.7400 — Federal-Mogul Corporation/TRW Engine Components, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

^(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).